MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1839/2005

**FGP Ltd**

**Vs**

**Hagen Klaus u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2006 gie mahtur Dr Mark Busuttil bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Hagen Klaus**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Ottubru, 2005 fejn gie premess illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici jirraprezenta l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mixtrija u kkonsenjata lill-konvenut;

Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont ta' mitejn u erbghin Liri Maltin (Lm240.00), il-konvenut baqa` inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi.

Ghalhekk kellha ssir dina il-kawza kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta ta’ Dr Mark Busuttil tal-5 ta’ Lulju 2005 mahtur kuratur deputat ta’ l-assenti konvenut Hagen Klaus b’digriet tat-8 ta’ Marzu 2006, li permezz taghha eccepixxa illi l-esponent m’hux edott mill-fatti u qed jirrizerva d-dritt li jipprezenta l-eccezzjonijiet f’stadju ulterjuri. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-dikjarazzjoni ta’ Dr Tanya Sammut Catania tal-5 ta’ Dicembru 2006 li biha iddikjarat illi s-socjeta` attrici baqghet ma thallset xejn mis-somma mitluba u li s-socjeta` attrici ma kellhiex aktar provi xi tressaq ;

Ra illi fis-seduta ta’ l-10 ta’ Jannar 2007 Dr Mark Busuttil ghall-assenti konvenut iddikjara illi pprova jikkomunika mal-konvenut fl-indirizz lilu moghti u baqa` ma rcieva l-ebda risposta.

Ra illi fis-seduta tal-10 ta’ Jannar 2007 il-partijiet qabblu illi l-kawza tithalla ghall-lum ghad-decizjoni ;

Ikkunsidra :

Illi t-talba tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ mitejn u erbghin Liri Maltin (Lm240) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz ma hix ikkontestata, ghajr ghan-nota risponsiva tal-kuratur deputat hawn fuq riferita;

Illi gie dikjarat fl-atti ta’ dawn il-proceduri illi l-ammont mitlub baqa` ma thallasx;

Ghaldaqstant, in vista ta’ dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ mitejn u erbghin Liri Maltin (Lm240) ghar-ragunijiet ndikati fl-Avviz, bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------